

31999D0037

L 11/37

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

16.1.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-26 ta' Novembru 1998****dwar il-posizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità Ewropea dwar ir-regoli li jikkonċernaw il-ġestjoni tal-konċiljazzjoni ta' kwistjonijiet fuq transitu li għandhom jiġu adottati mill-Konferenza dwar il-Karta ta' l-Enerġija**

(1999/37/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom ⁽¹⁾ tal-Kunsill u tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva min-naħa tal-Kummissjoni,

Billi t-Trattat dwar il-Karta fuq l-Enerġija kien ġie ffirmat fis-17 ta' Diċembru 1994 mill-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom;

Billi l-Komunitajiet Ewropej u maġġoranza kbira ta' l-Istati Membri tagħhom iddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' approvazzjoni jew ratifikazzjoni tat-Trattat dwar il-Karta fuq l-Enerġija fis-16 ta' Diċembru 1997 mad-Depożitarju tal-Gvern tar-Repubblika tal-Portugall;

Billi l-bqija ta' l-Istati Membri dalwaqt se jirratifikaw it-Trattat dwar il-Karta fuq l-Enerġija;

Billi t-Trattat dwar il-Karta fuq l-Enerġija daħal fis-seħħ fis-16 ta' April 1998;

Billi l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar il-Karta fuq l-Enerġija jiddisponi li kull parti li tintrabat bil-Kuntratt għandha tieħu l-miżuri

neċessarji biex tiffaċilita t-transitu ta' materjali u prodotti enerġetiċi konsistenti mal-prinċipju ta' liberta' ta' transitu mingħajr distinzjoni għall-oriġinu, destinazzjoni jew pussess ta' dawn il-materjali u prodotti enerġetiċi jew diskriminazzjoni fil-prezzijiet fuq il-bażi ta' dawn id-distinzjonijiet, u mingħajr ma jiġu imposti xi dewmien, restrizzjonijiet jew piżijiet m'humieq raġionevoli;

Billi l-Artikolu msemmi fih ukoll disposizzjonijiet li japplikaw għal kull kwistjoni li toriġina minn transitu;

Billi l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar il-Karta fuq l-Enerġija jiddisponi li l-Konferenza dwar il-Karta għandha tadotta disposizzjonijiet stabbiliti li jikkonċernaw it-tħaddim tal-konċiljazzjoni u l-kumpens lill-konċiljaturi;

Billi abbozz ta' regoli li jikkonċernaw it-tħaddim tal-konċiljazzjoni ta' kwistjonijiet fuq transitu ġie diskuss fil-Konferenza dwar il-Karta li saret fit-23/24 ta' April 1998; billi l-Konferenza dwar il-Karta qablet li dan l-abbozz ta' regoli għandu jservi bħala gwida sakemm jiġu approvati formalment;

Billi l-Konferenza dwar il-Karta li sejra ssir fit-3 u l-4 ta' Diċembru 1998 għandha tadotta formalment dan l-abbozz ta' regoli hekk kif ikunu sadattant ġew iffinalizzati;

Billi l-Komunità għandha tapprova dan l-abbozz ta' regoli fil-Konferenza dwar il-Karta,

⁽¹⁾ ĠU L 69, tad-9.3.1998, pġ. 1.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-regoli li jikkonċernaw it-tħaddim tal-konċiljazzjoni tal-kwistjonijiet fuq transitu, kif stipulati fl-Anness, għandhom jiġu approvati fisem il-Komunità fil-Konferenza dwar il-Karta ⁽¹⁾.

Magħmul fi Brussell, fis-26 ta' Novembru 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARTENSTEIN

⁽¹⁾ Dawn ir-regoli ġew adottati formalment mill-Konferenza dwar iċ-Charter fit-3 ta' Diċembru 1998.A